**KUNSILL LOKALI L-IKLIN**

# Pjan ta' Tliet Snin

# 2018 – 2020

Werrej


| | |
|---|---|
| Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni | Paġna 1 |
| Mission Statement | Paġna 2 |
| L-oġġettivi tal-Kunsill<br>Analiżi tal-ħidma | Paġna 3 |
| L-organizazzjoni<br>Attivitajiet Ġenerali | Paġna 4 |
| Tbassir tal-Ħidma Finanzjarja | Paġni 6-8 |
| Żvilupp Kapitali | Paġni 9-10 |

## 1.0 Daħla u Analiżi tas-sitwazzjoni

Il-Pjan huwa d-direzzjoni tal-Kunsill biex fit-tliet snin li ġejjin jitwettaq ix-xogħol mistenni u fil-ħin.

Il-Kunsill jelenka l-prijoritajiet li jidhirlu li huma meħtieġa għall-ġid tal-lokal wara konsultazzjoni sħiħa ma' dawk interessati fl-operat tal-Kunsill għall-benefiċċju tar-residenti u jżomm quddiem għajnejh il-ġid komuni tal-lokalità u r-residenti tal-kommunità.

L-Ambjent jibqa' dejjem fuq l-aġenda tal-Kunsill u jibqa' jingħata l-ewwel prijorità għalkemm irridu ngħidu li l-Kunsill għandu sfidi quddiemu fejn qed naraw numru ta' applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp kemm fiż-żona urbana u wkoll f'żoni barra mill-iżvilupp. Il-Kunsill, bl-għajnuna tal-konsulenti tiegħu, ser ikompli bil-monitoraġġ ta' kull applikazzjoni li tidħol għand l-Awtorità tal-Ippjanar u jissottometti ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu fil-ħin partikolarment meta jikkroppjaw applikazzjonijiet f'żoni barra mill-iżvilupp. Il-Kunsill Lokali għandu r-responsabbiltà li jipproteġi ż-żoni rurali u sabiex ikun assigurat li l-iżvilupp isir skont *policy objectives*.

Biex il-Kunsill jissostanzja dak li jgħid dwar l-ambjent tal-lokal bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu għal dawn it-tliet snin, il-Kunsill huwa kommess li jaħtaf l-opportunitajiet dwar fondi taħt il-programm Rural Development Programme 2014-2020. Fil-fatt, matul dawn it-tliet snin il-Kunsill Lokali, bir-riżorsi limitati li għandu f'idejh, se jkun qed jimmassimizza minn dawn il-Programmi biex iwettaq proġetti ta' fejda fil-lokal. Matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill kien issottometta applikazzjoni għall-proġett biex titjieb l-infrastruttura fiż-żona rurali għall-benefiċċju tal-bdiewa li jippossjedu u jaħdmu r-raba' fl-Iklin.

Fil-fatt, il-Kunsill Lokali L-Iklin issottometta applikazzjoni taħt il-Miżura 4.3 biex titjieb l-infrastruttura fiż-żona rurali limiti ta' Xwieki Triq il-Ħwawar u applikazzjoni oħra kienet sottomessa fil-bidu tas-sena 2018 għal restawr/rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ taħt il-miżura 4.4. Matul din is-sena 2018, il-Kunsill se jkun qed iwettaq proġett b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja u b'fondi mill-Kunsill biex jingħata l-asfalt fi Triq il-Ħwawar tul ta' circa 700 metru, limiti ta' Xwieki, f'żona qalb ir-raba' fl-Iklin. Dan il-proġett huwa maħsub biex il-Kunsill itejjeb l-aċċess għall-irziezet u r-raba' tal-madwar u b'hekk jitjieb l-immaniġġjar għall-bdiewa biex tiżdied l-effiċċjenza. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill permezz ta' infrastruttura tajba, ser ikun qed jinkoraġġixxi u jgħin lill-bdiewa biex jibqgħu fis-settur u b'hekk jassiguraw li dan is-settur li qiegħed taħt theddida minħabba diffikultajiet fis-settur jibqa wieħed sostenibbli.

Il-Pjan irid ukoll iħares lejn l-aspett finanzjarju fejn il-Kunsill irid jaħdem bl-allokazzjoni finanzjarja li tingħata mill-Gvern Ċentrali kull sena. Il-Kunsill Lokali għandu jassumi r-responsabbiltà finanzjarja tal-Kunsill u għandu jżomm mall-prinċipju fundamentali dwar ġestjoni finanzjarja soda u l-infieq kollu jsir bil-għaqal, u b'valur għall-flus li jintefqu għax-xiri ta' oġġetti u servizzi.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill trid tieħu ħsieb li tattwa d-deċiżjonijiet leġittimi tal-Kunsill u tassigura li x-xogħlijiet isiru fi żmien raġjonevoli u b'effiċċjenza.

Minn żmien għal żmien, il-Kunsill irid jibqa aġġornat u jassigura li jaħdem b'konformità skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Fl-aħħarnett, il-Kunsill għandu jaħdem b'kawtela u jżomm bilanċ bejn id-dħul, riservi u l-infieq.

IFFIRMAT

**Anthony Dalli**

**Sindku**

## 2.1 Mission Statement

L-iskop ta' dan il-pjan huwa li jipprovdi qafas li jiggarantixxi l-konservazzjoni tal-karatteristiċi residenzjali tal-lokalità. Intrapriżi kummerċjali, b'mod partikolari sakemm ikun hemm il-bżonn tagħhom, għandhom isibu l-appoġġ ta' dan il-Kunsill. Dan għall-benefiċċju tal-istess residenti tal-lokal.

L-industrija mhiex kompatibbli mal-karatteristiċi taż-żona. Fl-Iklin ir-resident għandu jkun suprem fuq kull interess ieħor.

Is-servizzi li jipprovdi l-Kunsill u kull ħaġa oħra relatata mal-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna għandhom ikunu tal-ogħla kwalità.

Huwa proprju għalhekk li l-Kunsill għandu kkuntrattati servizzi professjonali biex jgħinu lill-Kunsill fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fl-aħjar interess tal-lokalità.

Għan ieħor tal-Kunsill huwa li t-tliet żoni fl-Iklin, kif għandna llum isiru żona waħda għall-benefiċċju ta' kulħadd. Barra minn hekk, il-Kunsill ser ikompli jinvesti fit-toroq urbani u dawk rurali biex titjieb l-infrastruttura fil-lokalità.

# 3.0 L-Oġġettivi tal-Kunsill, ir-riżultati mistennija u l-istrateġija

## 3.1 L-Oġġettivi *short term* u r-riżultati mistennija

### L-Oġġettivi

- Fil-preżent, il-Kunsill Lokali L-Iklin għandu assenjat miegħu ħaddiem tal-RSS Ltd u persuna oħra tal-Community Workers Scheme Foundation Enterprise fuq bażi full-time. Dawn il-ħaddiema jgħinu biex *day-to-day work* isir minn dawn il-ħaddiema li jvarja minn manutenzjoni ta' bankini għal *refreshing* ta' marki tat-toroq, site inspections, manutenzjoni tal-*playingfield* u xogħol ieħor.

- Il-Kunsill għandu jippjana mekkaniżmu biex itejjeb il-qagħda finanzjarja tiegħu billi jittepja fondi mill-Unjoni Ewropeja għall-proġetti fil-lokalità u l-possiblità ta' *joint ventures* mall-privat;

- Il-Kunsill għandu jara kif jinkoraġġixxi aktar lir-residenti biex jagħtu l-kontribut tagħhom fil-lokal billi jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kunsill u jieħdu ċertu inizzjattivi biex l-ambjent ta' madwarhom jidher dejjem isbaħ u organizzat. Is-Sotto-Kumitati jistgħu jgħinu ħafna għaliex jistgħu jsaħħu l-ħidma tal-Kunsill billi joffru l-ħiliet u s-servizzi tagħhom b'rizq il-lokalità.

- Il-Kunsill għandu l-obbligu u jassigura li r-residenti qed jinqdew mis-servizzi kollha meħtieġa u jkompli jtejjeb fuq il-kwalità tas-servizzi.

- Il-Kunsill għandu pjan li jkompli jinvesti fl-amministrazzjoni tal-Kunsill biex jaġġorna maż-żmien u jkun jista' jlaħħaq mad-domanda tal-ħtiġijiet u r-responsabbiltajiet attwali biex ikun ta' servizz għall-komunità.

## 4.0 Analiżi tal-ħidma

### 4.1 L-Organizazzjoni

L-istruttura organizattiva tal-Kunsill hija dik li tidher hawn taħt. Din l-istruttura tassisti lill-Kunsill jidentifika *ranks* u rwoli differenti min-naħa tal-politiku u dak amministrattiv. Din tgħin biex l-operat tal-Kunsill isir skont il-gwida ta' din l-istruttura biex il-Kunsill jaħdem bl-aktar mod effettiv.

Iż-żieda fir-responsabbiltajiet tal-Kunsilli Lokali qiegħed dejjem ikun ta' pressjoni akbar fuq ir-riżorsi umani tal-Kunsill. Il-Kunsill mhuwiex kontra ż-żieda fir-responsabbiltajiet anzi dan jagħmillu aktar kuraġġ fil-ħidma tiegħu għaliex jagħti fiduċja fl-istess Kunsill.




Id-deċiżjonijiet kollha jittieħdu fil-Kunsill wara rakkomandazzjonijiet mill-Kumitati, sotto-kumitati, Segretarju Eżekuttiv u jew mill-konsulenti tal-Kunsill.

# Analiżi tal-ħidma

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Il-Pjan ta' tliet snin huwa għodda effettiva biex il-Kunsill ikun jista' jippjana bil-quddiem u jsemmi dawk il-proġetti li l-Kunsill ikun qed jipproġetta minn sena għal oħra. Fis-sena kurrenti, il-Gvern Ċentrali alloka Eur262,725 fejn kien hemm żieda fuq is-sena preċedenti. Din l-allokazzjoni finanzjarja tgħin lill-Kunsill biex il-fondi jiġu mqassma skont il-funzjonijiet. Permezz ta' din l-allokazzjoni, il-Kunsill ikun jista jippjana biex jalloka fondi għall-ispejjeż rikorrenti u nfieq kapitali. Barra minn dan, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jpoġġi diversi skemi finanzjarji a diżpożizzjoni tal-Kunsilli.

Fl-ewwel kwart ta' din is-sena, il-Kunsill Lokali se jkun qed joħroġ sejħa pubblika biex jingħata l-asfalt fil-limiti Ta' Xwieki – Triq il-Ħwawar 'Enhancing Farm Access Roads in L-Iklin'. Qed jiġi pppreparat d-dokument tal-Offerta għal *Resurfacing* ta' triq fiż-żona rurali li ser tkun iffinanzjata parzjalment minn fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt il-Miżura 4.3. taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Il-Kunsill kien applika f'April tas-sena 2017 u f'Diċembru 2017, il-Kunsill irċieva r-riżultat li l-proġett propost kien eliġibbli għall-fondi u ser tingħata għajnuna finanzjarja taħt din il-miżura.

Bi tħejjija għall-implimentazzjoni tal-proġett, tħejja d-dokument tal-offerta peress li hemm *deadline* li x-xogħol irid jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju 2018. Il-ko-finanzjament ser ikun 90% -10%. L-Awtorità kienet eskludiet Sqaq il-Ħwawar u Sqaq ieħor fi Triq il-Ħwawar peress li l-asfaltar ta' dawn it-toroq mhumiex ta' benefiċċju għas-settur agrikolu.

Matul it-tieni u t-tielet kwart ta' din is-sena, huwa ppjanat li jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni f'diversi toroq residenzjali biex isir titjib fil-wiċċ tat-toroq li preżentement huma difettużi. Fuq il-lista ta' prijoritajiet tal-Kunsill, insemmu parti minn Triq Ċensu Busuttil, parti minn Triq San Mikiel, parti minn Triq Anton Buttigieg, parti minn Triq Stefano Erardi, parti minn Triq Ġwann Mamo u xogħlijiet oħra anċillari.

Fit-tieni kwart ta' din is-sena, hemm ukoll ippjanat li jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq is-Sala tal-Kunsill fi Triq Dr. Lewis F, Mizzi. Fil-ġimgħat li ġejjin, il-Kunsill qed jistenna l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar biex ikunu jistgħu isiru x-xogħlijiet strutturali minħabba periklu li hemm fis-saqaf ta' dan l-imsemmi fond. Matul is-sena 2017, preċiżament lejn l-aħħar tas-sena, il-Kunsill irregolarizza l-fond mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jintuża bħala Sala tal-Kunsill għal skop soċjali. Intlaħaq ftehim mas-sidien dwar il-kirja l-ġdida tal-imsemmi fond u ġie ppreparat dokument tal-offerta mill-Perit tal-Kunsill biex kif appena l-Kunsill jottjeni l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar biex isiru x-xogħlijiet, issir sejħa pubblika għax-xogħlijiet.

Fuq l-aspett soċjali u dak kulturali, il-Kunsill Lokali L-Iklin se jkun qed itella l-attività annwali 'Festa tal-Fjuri' nhar it-12 ta' Mejju 2018. Din l-attività għandha l-iskop li tibni *community engagement* u *citizen participation.*

Huwa ppjanat ukoll li jsir *replacement* ta' numru sostanzjali ta' sinjali ta-traffiku fil-lokalità minħabba l-*wear & tear.* B'hekk ikun assigurat li t-toroq kollha tal-lokalità jkunu mgħammra b'sinjali viżibbli biex ikunu ta' gwida għas-sewwieqa. Il-manutenzjoni tal-playingfield, tal-Ġnien, għamara fit-toroq u tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jibqgħu fuq il-lista tal-Kunsill għaliex huwa l-obbligu morali tal-Kunsill li jassigura s-saħħa u s-sigurtà fl-assi tal-komunità.

Hemm proġetti oħra ppjanati bl-iskop li l-Kunsill jikkonserva iż-żona rurali tal-lokal. Fl-ewwel kwart ta' din is-sena, il-Kunsill Lokali applika għall-fondi Ewropej taħt il-miżura M4.4. biex il-Kunsill jieħu ħsieb ir-rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ f'żoni differenti fl-Iklin 'Promoting Rural Development in the locality of L-Iklin. Wara l-identifikazzjoni ta' żoni permezz tal-Perit u assistenza minn MEUSAC, il-Kunsill identifika s-siti fi Triq Richard Taylor, parti minn Triq Għargħur, parti minn Sqaq Ġarda, u Sqaq in-Namur. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni fil-bidu ta' din is-sena fejn il-Kunsill qed jaspira li l-proġett propost ikun eliġibbli u jikkwalifika għall-ko-finanzjament. Huwa maħsub li permezz ta' dawn ix-xogħlijiet li jinkludi l-kostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ, iservu l-funzjoni biex nipprevenu milli tintilef aktar ħamrija mal-ilmijiet tax-xita u fl-istess waqt dawn il-ħitan iservu bħala abitat għal diversi speċi ta' pjanti u annimali. B'dan il-mod, il-proġett iservi biex jippreserva il-bio-diversità. Barra minn hekk, il-proġett huwa maħsub biex jitjieb il-karatttru rurali li jikkumplimenta il-pajsaġġ rurali tal-madwar.

Rigward l-applikazzjoni dwar il-bini ta' Uffiċċju Amministrattiv ġdid tal-Kunsill Lokali L-Iklin mal-Awtorità tal-Ippjanar, ninforma li bħal ma nkiteb sena ilu, fiż-żmien li qed jinkiteb dan ir-rapport, l-applikazzjoni tinsab 'on hold' *status quo*. Il-Kunsill ser ikompli bid-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar *'to unfreeze the status quo'*.

Dwar il-proġett propost tal-*Multi-Purpose Pitch* u underlying *Car Park*, fl-aħħar tas-sena 2017, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' fl-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjetà l-Onor. Chris Agius dwar l-art pubblika fi Triq San Mikiel k/m Triq Stefano Erardi, k/m Triq il-Klin. Preżenti għal din il-laqgħa kienu s-Sur Mario Fava - President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Kunsillier Yvonne Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Etienne Montfort għall-Kunsill Lokali L-Iklin. Kienu wkoll preżenti Dr. Peter Fenech u Samuel Cutajar bħala rappreżentanti tal-Club Lija Athletics, is-Sur Joseph Buttigieg bħala rappreżentant ta' Lija/Iklin FYN, Dr. Matthew Paris, Viċi President tal-Malta Football Association, u CEO ta' Sport Malta Dr. Chris Bonnett.

Il-laqgħa kienet waħda interessanti fejn sintendi kien hemm opinjonijiet differenti minħabba implikazzjonijiet legali dwar min għandu jkollu t-titlu tal-art u proprju minħabba d-diverġenzi fil-ħsieb kien maqbul li keliha ssir laqgħa oħra bejn l-*istakeholders* interessati biex jiġu diskussi d-dettalji u preferibilment jiġi determinat l-aħjar mudell biex jippreżentawh għall-kunsiderazzjoni tas-Segretarju Parlamentari.

Matul din is-sena, il-Kunsill ser ikompli bid-diskussjonijiet bil-għan li jintlaħaq l-objettiv tal-Kunsill.

IFFIRMAT

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

## BUDGETED INCOME AND EXPENDITURE

| Acc No | Description | ACTUAL 2017 € | ESTIMATE 2018 € | ESTIMATE 2019 € | ESTIMATE 2020 € | TOTAL 2018-2020 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **INCOME** | | | | | |
| 0 | Governemnt income | 274,391.00 | 282,725.00 | 290,000.00 | 295,000.00 | 867,725.00 |
| 20 | Bye laws | 16,542.00 | 15,010.00 | 16,200.00 | 17,900.00 | 49,110.00 |
| 90 | Investments | 30.00 | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 150.00 |
| | TOTAL | 290,963.00 | 297,785.00 | 306,250.00 | 312,950.00 | 916,985.00 |
| | **EXPENDITURE** | | | | | |
| 1000 | Wages and salaties | 76,840.00 | 79,182.00 | 79,482.00 | 80,002.00 | 238,666.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 127,139.00 | 138,571.00 | 151,700.00 | 169,150.00 | 459,421.00 |
| 7000 | Administration and other expenses | 42,824.00 | 53,127.00 | 54,261.00 | 57,061.00 | 164,449.00 |
| | Depreciation | 30,108.00 | 35,307.00 | 40,591.00 | 45,691.00 | 121,589.00 |
| | TOTAL | 276,911.00 | 306,187.00 | 326,034.00 | 351,904.00 | 984,125.00 |
| | **Surplus / (Deficit)** | 14,052.00 | (8,402.00) | (19,784.00) | (38,954.00) | (67,140.00) |

**BUDGETED INCOME**

| Acc No | Description | ACTUAL 2017 € | ESTIMATE 2018 € | ESTIMATE 2019 € | ESTIMATE 2020 € | TOTAL 2018-2020 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | INCOME | | | | | |
| | Government Income | | | | | |
| 1 | Subvention | 251,928.00 | 262,725.00 | 270,000.00 | 275,000.00 | 807,725.00 |
| 2 | Supplementary | 20,463.00 | 20,000.00 | 20,000.00 | 20,000.00 | 60,000.00 |
| 3 | EU Projects | - | | | | - |
| 4 | Other income | 2,000.00 | - | - | - | - |
| | | 274,391.00 | 282,725.00 | 290,000.00 | 295,000.00 | 867,725.00 |
| | Bye-Laws | | | | | |
| 21 | Community income | 6,371.00 | 5,300.00 | 6,000.00 | 6,500.00 | 17,800.00 |
| 36 | Commisions from Lesa/ Reg Commitees | 3,326.00 | 3,010.00 | 3,200.00 | 3,400.00 | 9,610.00 |
| 56 | Sponshorships | - | | | | - |
| 66 | Permits | 6,845.00 | 6,700.00 | 7,000.00 | 8,000.00 | 21,700.00 |
| | | 16,542.00 | 15,010.00 | 16,200.00 | 17,900.00 | 49,110.00 |
| | Investment | | | | | |
| 91 | Bank interest | 30.00 | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 150.00 |
| 96 | Other investment income | - | - | - | - | - |
| | | 30.00 | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 150.00 |
| | TOTAL | 290,963.00 | 297,785.00 | 306,250.00 | 312,950.00 | 916,985.00 |

| BUDGETED EXPENDITURE | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Acc No | Description | ACTUAL 2017 € | ESTIMATE 2018 € | ESTIMATE 2019 € | ESTIMATE 2020 € | TOTAL 2018-2020 € |
| | Infieq | | | | | |
| | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 7,345.00 | 7,464.00 | 7,560.00 | 7,680.00 | 22,704.00 |
| 1100 | Councillor Allowances | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 19,200.00 |
| 1200 | Employees' Salaries and Wages | 51,811.00 | 51,096.00 | 51,200.00 | 51,500.00 | 153,796.00 |
| 1300 | Bonus | 6,000.00 | 5,322.00 | 5,322.00 | 5,322.00 | 15,966.00 |
| 1400 | Income supplements | - | - | | | - |
| 1500 | National insurance contributions | 4,751.00 | 4,900.00 | 5,000.00 | 5,100.00 | 15,000.00 |
| 1600 | Allowances | - | - | | | - |
| 1700 | Overtime | 533.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 12,000.00 |
| | | 76,840.00 | 79,182.00 | 79,482.00 | 80,002.00 | 238,666.00 |
| | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 5,728.00 | 6,560.00 | 6,000.00 | 6,500.00 | 19,060.00 |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 14,261.00 | 6,000.00 | 7,500.00 | 9,000.00 | 22,500.00 |
| 2300-2399 | Repairs and upkeep | 2,697.00 | 15,000.00 | 16,500.00 | 17,000.00 | 48,500.00 |
| 3010 | Street lighting | 6,189.00 | 4,500.00 | 5,500.00 | 7,000.00 | 17,000.00 |
| 3030 | Insurance | 1,915.00 | 2,540.00 | 2,600.00 | 2,800.00 | 7,940.00 |
| 3035 | Bank charges | 121.00 | 100.00 | 100.00 | 100.00 | 300.00 |
| 3040 | Waste disposal | 31,655.00 | 11,671.00 | 12,000.00 | 13,000.00 | 36,671.00 |
| 3041 | Refuse Collection | 22,401.00 | 27,000.00 | 30,000.00 | 35,000.00 | 92,000.00 |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 5,877.00 | 6,600.00 | 6,800.00 | 7,000.00 | 20,400.00 |
| 3043 | Bins on wheels | 550.00 | 500.00 | 600.00 | 650.00 | 1,750.00 |
| 3051 | Road and street cleaning | 11,619.00 | 21,000.00 | 23,000.00 | 25,000.00 | 69,000.00 |
| 3052 | Cleaning and maintenance of Non-Urban areas | - | 12,300.00 | 15,000.00 | 18,000.00 | 45,300.00 |
| 3055 | Cleaning of Council properties | 955.00 | 1,200.00 | 1,300.00 | 1,400.00 | 3,900.00 |
| 3060 | Cleaning and maintenance of parks and gardens | 2,580.00 | 3,600.00 | 3,800.00 | 4,100.00 | 11,500.00 |
| 3064 | Other contractual services | 444.00 | 1,500.00 | 1,600.00 | 1,700.00 | 4,800.00 |
| 3070-3090 | Consultations fees | - | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 3380-3389 | Community expenses | 18,901.00 | 16,100.00 | 17,000.00 | 18,500.00 | 51,600.00 |
| 3600-3694 | Local Enforcement expenses | 1,246.00 | 1,400.00 | 1,400.00 | 1,400.00 | 4,200.00 |
| | | 127,139.00 | 138,571.00 | 151,700.00 | 169,150.00 | 459,421.00 |
| | **Administration and Other Expenditure** | | | | | |
| 2400 | Rent | 14,472.00 | 15,661.00 | 15,661.00 | 15,661.00 | 46,983.00 |
| 2500 | Memberships | 858.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 2600 | Office Services | 5,659.00 | 4,309.00 | 4,400.00 | 4,500.00 | 13,209.00 |
| 2700 | Transport | 2,932.00 | 4,700.00 | 4,800.00 | 5,000.00 | 14,500.00 |
| 2800 | Travelling | - | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 2900 | Information services | 3,260.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 12,000.00 |
| 3000 | Professional services | 15,643.00 | 21,557.00 | 22,500.00 | 25,000.00 | 69,057.00 |
| 3200 | Training | - | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 3400 | Incidental services | - | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| | | 42,824.00 | 53,127.00 | 54,261.00 | 57,061.00 | 164,449.00 |
| | **Other expenditure** | | | | | |
| 8000 | Deprecaition | 30,108.00 | 35,307.00 | 40,591.00 | 45,691.00 | 121,589.00 |
| | | | | | | - |
| | TOTAL | 276,911.00 | 306,187.00 | 326,034.00 | 351,904.00 | 984,125.00 |
| | **Capital expenditure** | | | | | |
| 7001 | Property | | - | - | - | |
| 7100 | Buildings | | 27,000.00 | - | - | 27,000.00 |
| 7200 | Improvements | 38,743.00 | 14,000.00 | 52,839.00 | 51,000.00 | 117,839.00 |
| 7300 | Plant and machinery | 705.00 | 10,000.00 | - | - | 10,000.00 |
| 7500 | Special projects | 45,859.00 | 30,000.00 | - | - | 30,000.00 |
| | | 85,307.00 | 81,000.00 | 52,839.00 | 51,000.00 | 184,839.00 |

| Isem tal-proġett | Meta jitwettaq |
|---|---|
| **1. Il-proġett tal-*multi purpose pitch* u tal-*Car Park***<br><br>Il-Kunsill Lokali L-Iklin għandu jkompli jiddiskuti dan il-proġett propost mal-Onor. Seg. Parlamentari u l-parti l-oħra interessata biex finalment titjieb il-kwalità tal-ħajja taż-żona, jservi bħala post ta' rikreazzjoni għat-tfal tal-komunità u Lija/Iklin Football Youth Nursery u naturalment nimmassimizzaw mill-użu tal-art biex ikun hemm faċilità ta' parkeġġ. | 2018-2020 |
| **2. Il-bini l-ġdid tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**<br><br>Il-Kunsill għandu jkompli t-taħdidiet mal-Awtorità tal-Ippjanar/Awtoritajiet dwar l-Uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill peress li l-Uffiċċju preżenti mhuwiex aċċessibbli u għalhekk mhuwiex kompatibbli mal-liġi tal-Kunsilli Lokali u dan wara li l-Kunsill akkwista biċċa art b'ċens mingħand il-Gvern Ċentrali u bi prezz raġonevoli. | 2018-2020 |
| **3. Titjib u Tisbieħ fi Triq il-Wied u Traffic Management**<br><br>It-Tielet u l-aħħar parti tal-proġett. Triq il-Wied bejn Triq Fredrick Borg sa Round-About k/m Triq San Mikiel. Ikomplu x-xogħlijiet ta' *embellishment works* permezz ta' bankini ġodda, *soft landscaping, mountable islands, road signs* and markings biex jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku (traffic management) ġdid f'din iż-żona. | 2018-2020 |
| **4. Xogħlijiet strutturali fis-Sala tal-Kunsill**<br><br>Xogħlijiet strutturali fil-fond 'Wilson Garage' li jintuża bħala Sala tal-Kunsill Lokali L-Iklin biiex ikompli jaqdi skopijiet soċjali inkluż il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità, il-Berġa, u programmi oħra edukattivi, kulturali u sportivi. | 2018-2020 |
| **5. Il-Kunsill għandu jaħdem fuq proġett ta' anzjan attiv.**<br><br>Għandu jiġi varat proġett ta' *mini open air gym* mgħammar b'apparat skont l-istandards fi spazju miftuħ fil-lokalità biex tidħol kultura ġdida fost l-anzjani biex l-anzjan jibqa' attiv u b'saħħtu permezz tal-attività fiżika. | 2018-2020 |
| **6. Programmi edukattivi u ambjentali**<br><br>Il-Kunsill għandu jaħdem fuq attivitajiet ta' informazzjoni u programmi edukattivi fost ir-residenti ta' kull età dwar suġġetti varji u ta' nteress speċjalment lejn il-familja. | 2018-2020 |
| **7. Jissaħħaħ is-sens komunitarju**<br><br>Il-Kunsill jintensifika l-ħidma sabiex jissaħħaħ is-sens komunitarju fil-lokal billi jiggarantixxi attivitajiet ta' natura kulturali bħal Festa tal- | 2018-2020 |

| | |
|---|---|
| Fjuri, attivitajiet sportivi u edukattivi għall-familja, iż-żgħażagħ, u l-anzjani. Il-Kunsill għandu jaħdem biex f'dan il-qasam jinvolvi kemm jista' jkun il-volontarjat u b'hekk ikollu parteċipazzjoni aktar effettiva, speċjalment iż-żgħażagħ. | |
| **Isem tal-proġett** | **Meta jitwettaq** |
| **8. Fondi Speċjali**<br><br>Il-Kunsill Lokali L-Iklin ser ikun qed jibbenifika minn fondi addizzjonali għal proġetti fil-lokalità kemm mingħand il-Gvern Ċentrali u b'fondi tal-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill Lokali applika għall-fondi Ewropej taħt il-miżura M4.3 'The enhancement/improvement of Rural Access Roads'. Ko-Finanzjament 90-10. Il-Programm għall-Iżvilupp Rurali se jkun qed jikkontribwixxi Eur209,093 mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. | 2018-2020 |
| **9. Traffic Management**<br><br>Il-Kunsill għandu jibqa' jinsisti mall-awtoritajiet biex isolvi l-problema tal-*foreign traffic* fl-Iklin u jkabbar is-sigurtà fit-toroq għall-benefiċċju tar-residenti f'kull parti tal-Iklin. Dan għandu jsir b'konsultazzjoni wiesgħa u sħiħa mar-residenti kollha tal-Iklin. | 2018-2020 |
| **10. Toroq u Bankini**<br><br>Il-Kunsill għandu jippresevera li jżomm l-uċuħ tat-toroq u l-bankini fi stat tajjeb u jara li persuni anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali jingħataw prijorità. Extensive patching fi Triq Ċensu Busuttil (part of), Triq San Mikiel (part of), Triq Ġwann Mamo (part of), Triq Richard Taylor (footpath works), Triq Stefano Erardi (part of). Matul din is-sena, il-Kunsill ser ikompli jsegwi l-proċessi mal-Awtorità tat-Trasport biex isir *resurfacing works* ta' Triq il-Bruka. | 2018-2020 |
| **11. Town Planning**<br><br>Il-Kunsill ser ikun qiegħed jidentifika ż-żoni ta' Triq Pawlu Grech, Triq San Mikiel, u Triq Ninu Cremona fejn hemm prattikament spazji miftuħa biex permezz ta' din ir-riżorsa jagħmel l-aħjar użu tal-art permezz ta' Ippjanar fiż-żona urbana biex jimmaniġġja din ir-riżorsa b'mod tajjeb u jilqa għall-isfidi tal-futur fosthom l-ispazji għall-parkeġġ. | 2018-2020 |